

# Is-Sunett taċ-Ċentinarju miktub minn Carmelo Agius

**minn Leonard Agius**



Fid-dawl ta' għeluq is-sittin sena mill-ħarġa ta' dan is-sunett, li ġie miktub fl-1949 u stampat għaxar snin wara fl-okkażjoni tal-erbatax-il ċentinarju mill-mewt ta' San Leonardu (iċċelebrat f'festi speċjali mis-6 ta' Novembru 1959 sal-4 ta' Settembru 1960), Leonard Agius jikteb dwar zijuh Carmelo, l-awtur ta' dan is-sunett sabiħ.

Carmelo Agius twieled fis-6 ta' Lulju 1919, bin Vitor Agius u Katerina née Camilleri. Kienu familja ta' ħamsa; erba' subien u tifla li kienu Franġisku, Salvu, Leonardu, Angela miżżewġa Farrugia u Carmelo li kien iż-żgħir. Fi tfulitu beda jmur l-iskola ta' Ħal-Kirkop li ma kinitx 'il bogħod mid-dar fejn trabba, jiġifieri Triq Valletta preċiżament fejn kienet l-ewwel skola tal-gvern. Wara li għadda l-klassijiet li kien hemm fl-iskola tar-raħal mar ikompli l-iskola taż-Żurrieq fejn minn hemm baqa' javvanza għal-Liċeo. Meta spiċċa bl-istudji tiegħu daħal jaħdem skrivan mal-gvern fl-isptar, u wara laħaq *Welfare Officer* fejn qatta' ħafna snin fl-uffiċju tas-Servizzi Soċjali ż-Żurrieq, u wara sas-sena 1971 il-Marsa fejn temm ix-xogħol tiegħu. Carmelo Agius jiġi ħu missieri Franġisku, jiġifieri z-ziju.

Carmelo minn dejjem kien attiv fil-Każin, u fiż-żmien serva wkoll fil-kumitat b'mod



**Il-Kumitat tal-1960. Bil-wieqfa mix-xellug: Salvu Sacco, Ġanni Spiteri (Ċossi), Mro George Martin, Dun Nard Farrugia, Kappillan Pawlu Pace, Patri Leonard Chircop, Ġolin Spiteri, Karmnu Falzon (Ta' Ċoqq), Carmelo Agius. Bilqegħda mix-xellug: Leonard Grech, Gregory Sacco, Frans Camilleri, Joe Agius, Lorry Sacco. (ritratt ta' Joe Agius)**

speċjali meta l-każin tal-banda kien ħdejn il-knisja, illum Misraħ San Leonardu. Niftakar liz-ziju jgħidli kemm il-darba li meta nikber kien ser idaħħalni soċu kif fil-fatt għamel malli għalaqt tmintax-il sena u l-każin kien mexa f'Misraħ Kirkop. Meta wara xi snin kont fil-kumitat, anke bħala segretarju, kien hu li kien jgħallimni kif napplika għall-permessi tal-festa u tal-fieri li dak iż-żmien kienu popolari ħafna. Carmelo Agius kien iħobb ħafna l-armar tal-festa tant illi kien hu l-persuna strumentali li meta l-pedestall il-kbir ta' Misraħ Kirkop kien tkisser b'daqqa ta' karozza, kien sab lil Ninu Busuttil u ftiehem miegħu biex jirranġah. Niftakar konna spiċċajna neħduh ftit ftit fix-xkejjer u noqgħodu ngħinuh sakemm kien lest.



**Fuq il-lemin, Carmelo Agius bħala fratell tas-sagrament bil-lanterna waqt it-Transolazzjoni immexxija mill-Arċisqof Gonzi (ritratt ta' Jeremy Boissevain)**

Barra li kien attiv fil-każin kien ukoll fratell tal-fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju fejn ta' kull tielet Ħadd tax-xahar kien jieħu sehem f'purċissjoni żgħira bis-sagrament li kienu jsejħulha 't-terza', flimkien ma' ħutu, l-kuġin tiegħu Ċensu Agius u Ċikku Mizzi li kien iżomm l-istandard tas-Sagrament. Carmelo Agius iżżewweġ lil Leonarda Cutajar li kienet tiġi n-neputija ta' Ġann Battist Cutajar u kien jgħix fir-residenza tiegħu fi Triq il-Parroċċa. Din id-dixxendenza tal-mara tiegħu kienet strumentali ħafna meta fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Theuma kienet ser issir il-pittura tal-knisja minn Giuseppe Briffa. Iz-ziju Carmelo sab kalendarju bi stampi fuq il-ħajja ta' San Leonardu li kien ta' Ġann Battist Cutajar, li nfakkarkom li kien drammaturgu u partitarju kbir li jibqa' mfakkar għall-kitba tiegħu li tirrakkonta l-ħajja tal-Qaddis tagħna. Hu kien li għadda dan il-kalendarju lill-Professur Briffa biex jieħu siltiet minnu kif fil-fatt sar.

Kien ukoll iħobb jikteb xi sunett għall-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu kif fil-fatt qiegħdin nammiraw ippubblikat f'dan il-ktejjeb. Is-sunetti kienu popolari ħafna fil-festi flimkien ma' ħafna karti imqattgħin żgħar li kienu jintefgħu mit-tieqa tal-knisja waqt il-ħruġ tal-istatwa.

Carmelo Agius miet fl-isptar San Luqa nhar id-19 t'Awwissu tal-1980 fl-eta' ta' 61 sena.